**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-25 ta' Mejju, 2018**

**Talba numru: 448/2017 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 27**

**George Spiteri (ID 366857M)**

**61, Sylvia, Triq Fra Ferd Mattei**

**Haz-Zebbug (Malta)**

**Vs**

**Clayton Debono (ID 257686M) personalment u bhala Direttur ta' Power Plus Limited (C-68249) ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess socjeta'**

**Power Plus, Triq il-Wied,**

**Qormi**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat mill-attur fil-20 ta' Settembru, 2017 li permezz tieghu huwa talab li l-konvenuti jew minn minnhom jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma

ta' elfejn ewro (€2,000) rapprezentanti depozitu moghti lill-intimati fuq xiri ta' pannelli solari u dan skont il-fattura datata 27 ta' April, 2015 (Dok A) liema xiri qatt ma sehh billi l-applikazzjoni redatta u sottmessa mill-intimati (Dok B) giet rifjutata mill-Malta Resources Authority skont l-ittra datata l-05 ta' Gunju, 2015 (Dok C) li minkejja li l-intimati gew debitament interpellati huma naqsu milli jwettqu l-hlas dovut u dan kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ra r-risposta tal-konvenuti a fol 13 A et li permezz taghha eccepew li l-konvenut Clayton Debono mhux il-legittimu kontradittur u dan peress li n-negozju in kwistjoni sar mas-socjeta' konvenuta u d-depozitu li tieghu qed jintalab ir-rifuzjoni thallas lill-istess socjeta' u mhux lilu personalment; li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan peress li kien l-attur stess li naqas milli jipprovdi d-dokumentazzjoni rikjesta u eventwalment sahansitra hassar il-bejgh ghal ragunijiet tieghu minghajr il-kunsens tas-socjeta' konvenuta u mhux ghar-ragunijiet citati minnu fir-rikors promotur. Li peress li n-negozju thassar mill-attur minn jeddu ghal xejn b'xejn huwa ma huwiex eligibbli ghar-rifuzjoni tad-depozitu u ghalhekk ammont ma huwiex dovut; li fi kwalunkwe kaz l-ebda ammont ma huwa dovut lill-attur; salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra x-xhieda ta' Peter Mifsud in rapprezentanza tar-Regolatur u l-Energija u s-Servizzi tal-Ilma (fol 24 et) li permezz taghha xehed li l-Malta Resources Authority f'Awwissu, 2015 inqasmet u parti li ghandha x'taqsam mal-affarijiet regolatorji imxiet ghal Regolatur ghas-Servizzi tal-Energija u l-Ilma u l-applikazzjoni ghal PV's jaqghu taht dan ir-Regolatur. F'dan il-kaz huwa spjega li l-iskema intliet fl-ahhar gurnata u l-ahhar applikazzjoni li accettaw kienet 2593. Ghalhekk din l-applikazzjoni dahlet wara din l-applikazzjoni li accettaw. Spjega li l-applikant seta' jerga jaghmel applikazzjoni differenti ghax f'dik li ssottometta kien qed japplika ghal tariff. L-attur ghandu sal-lum jista japplika biex dawn il-pannelli jehlu pero' ma jistax jibbenefika minn feed in tariff. L-attur seta' staqsiehom u kienu jindikawlu x'seta' jaghmel.

A fol 33 et l-attur fl-affidavit tieghu xehed li kien kellhom lil Clayton Debono l-konvenut klijent fir-restaurant li ghandu f'Take Off Restaurant, Triq San Tumas, Luqa u qallu li hemm skema li tghodd hafna ghalih u f'April, 2015 kien qallu biex jehodlu hsieb u imexxi biex japplika. Huwa tah il-kejl tal-bejt u l-konvenut hadem kemm jidhlu pannelli

fuqu. Debono kkonfermalu li kien intitolat japplika taht din l-iskema mal-Malta Resources Authority u qallu x'dokumenti ghandu bzonn u Debono imlielu l-applikazzjoni u l-attur halla kollox f'idejh. Huma wkoll kienu tkellmu dwar prezzijiet.

Gara li fis-27 ta' April, 2017 Debono mar ir-restaurant tal-attur biex jaghti d-dokumenti li kien talba u kopja ta' kont ricenti tal-ARMS u kopja tal-karta tal-identita' u anke ghaddielu depozitu ta' elfejn ewro (€2,000) kif talbu l-konvenut u anke ffirma kemm l-ordni kif ukoll l-applikazzjoni u assigurah li kien ser imexxi l-applikazzjoni wara li l-parti teknika timtela minn Inginier.

Fil-bidu ta' Gunju, 2015 l-attur ircieva mill-Malta Resources Authority l-applikazzjoni lura u infurmawh li l-iskema kienet giet allokata kollha u ghalhekk l-applikazzjoni tieghu kienet giet rifjutata. Meta huwa talab id-depozitu lura lill-konvenut billi n-negozju ma kienx sehh u ma setghax isehh billi l-bejgh tal-elettriku mill-pannelli lil Gvern bilfors irid isir bl-accettazzjoni tal-Gvern, ghadda xi zmien u ma sema' xejn minghand il-konvenut. L-attur ghalhekk mar il-hanut tieghu fil-Wied ta' Hal Qormi izda kien hemm il-lavrant u qallu li ser jghidlu biex ikellmu izda xejn ma gara. Ghaddew xi xhur u rega mar il-hanut tal-konvenut u sabu u staqsih ghad-deposit izda huwa dar fuq is-segretarja u qalilha biex tikteb appuntament biex imur ir-restaurant tieghu jirrangaw izda xorta ma zamx kelmtu u kellu jirrikorri ghand l-avukat tieghu. L-avukat tieghu staqsih ma' min kien ghamel in-negozju u meta wrieh il-karta l-ftehim u l-ircevuta tad-depozitu Dok A a fol 2 et l-avukat qallu li l-karta ma kienetx mahruga minn kumpanija izda minn ditta. Huwa baqa' ma thallasx ghalkemm interpella lil konvenut b'ittra ufficjali fil-11 ta' Lulju, 2017 izda l-konvenut baqa' ma tahx lura l-flus u kellu jaghmel din il-kawza.

L-attur xehed viva voce a fol 36 et in kontro-ezami li kkonferma li lill-Inginier ma hallsux u li l-attur ma beghlu xejn. Meta muri d-dokumenti esebiti fejn huwa ffirma li accetta li ha jixtri wiehed u hamsin (51) pannella huwa kkonferma dan u li d-depozitu hallsu ghal pannelli akkont.

A fol 38 il-konvenut xehed li sar dan in-negozju u li suppost li hija responsabilita' tal-klijent li japplika ghal feed in tariff, isib Inginier hu u jmur idahhal l-applikazzjoni hu. Huma offrewlu dan minhabba li jaf li l-attur lil genituri tieghu u dan ghamlu b'bona volonta tieghu. Il-konvenut xehed li l-attur ma tahx id-dokumenti kollha ghax kellu

bzonn il-kont tad-dawl u l-ID card u ghamel zmien jigri warajh u mbaghad ovjament ma lahaqx il-feed in tariff. Huwa qal lill-attur li l-iskema wara gimghatejn ohra terga tohrog u hekk gara izda l-attur ma applikax. Huwa qabbad Inginier u hallsu u ghandu l-pannelli li qed izommlu u ta l-istorage fees huma jiccargjaw ewro (€1) ghal kull pannella kull gimgha. Huwa ghandu elfejn u sitt mija (2,600) storage fees peress li zammlu l-pannelli ghal sentejn u wara xehed li zammhomlu gol-mahzen tieghu ghal sena u nofs. Ir-raguni li tah l-attur ghaliex ma riedx jinstalla dawn il-pannelli kien ghax fejn jixtri l-fniek tar-ReEnergy talbu jaghmillu stima. In kontro-ezami mistoqsi kif fil-letterhead ghandu Power Plus biss il-konvenut wiegeb li ghandu n-numru tal-VAT u kkonferma li l-iskema tal-grant li tiehu l-elfejn u tlett mija (2,300) hija responsabilita' tas-supplier li japplikalek ghas-sussidju tal-Unjoni Ewropea. Huwa kkonferma li ha dan l-intrigu b'rispett lil genituri tieghu li jafu lill-attur. Huwa xehed li r-ragunijiet ghaliex ma jridx jaghtih il-flus lura huwa lil lill-Inginier hallsu mija u hamsin ewro (€150), il-hin li hela plus li zamlu tlett pellets pannelli ghal sena u nofs u ma bieghhomx lil nies ohrajn.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Semgha t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidra

Li dan it-Tribunal ser jibda biex jikkunsidra l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti cioe' li Clayton Debono mhux il-legittimu kontradittur u dan peress skont l-istess konvenuti n-negozju in kwistjoni sar mas-socjeta' konvenuta u d-depozitu li tieghu qed jintalab ir-rifuzjoni thallas lill-istess socjeta' u mhux lilu personalment. L-attur mill-banda l-ohra jikkontendi li l-ftehim sar ma' Clayton Debono personalment u dan skont Dok A a fol 2 li juri li l-letterhead turi Power Plus u mhux Power Plus Limited. Il-konvenut fit-trattazzjoni jammetti li veru li l-logo hija Power Plus pero' il-footnote tghid Power Plus Limited.

Fis-sentenza taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili per Imh Valenzia, fil-kawza Av Michael Psaila noe vs Joseph Pace et deciza 3/10/2008 cit 1236/07 fejn il-Qorti irriteniet: "Min jeccepixxi li hu mhux il-legittimu kontradittur jehtieg li jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi ghat-talba proposta bl-istanza ghaliex hu ma kienx dahal f'ebda rapport mar-rikorrent noe jew li m'ghadx ghandu tali rapport."

Dan it-Tribunal fela tajjeb l-ftehim li sar bejn il-partijiet fis-27 ta' April 2015 skond Dok A a fol 2 u l-provi prodotti u minn imkien ma jirrizulta la fil-footnote u minn imkien li n-negozju qed isir ma' Power Plus Limited kif qed jikkontendu l-konvenuti. Veru li hemm imnizzel l-email address u l-website bhala Power Plusltd izda dan ma jfisser bl-ebda mod li n-negozju sar ma' Power Plus Limited. Anzi jirrizulta car li n-negozju dejjem sar mal-konvenut Clayton Debono personalment u mhux mas-socjeta' Power Plus Limited.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Rigward il-mertu, jirrizulta li l-attur ordna minghand il-konvenut sett ta' pannelli bl-intendiment li l-konvenut jehodlu hsieb japplikalu ghal Feed in Tariffs u hekk gara. L-ordni saret fis-27 ta' April, 2015 u l-attur hallas deposit, u l-applikazzjoni ghal feed in tariffs saret fid-29 ta' April, 2015 mill-konvenut u dahlet fl-Awtorita' tar-Rizorsi ta' Malta fit-30 ta' April, 2015 (fol 3 et) minn l-istess konvenut. Izda gara u dan kif jirrizulta minn Dok C a fol 9 u x-xhieda prodotti li l-applikazzjoni ma giet accettata u intbaghtet lura ghax kienet giet ezawrita u ssugerwelu li japplika meta jergghu johorgu l-iskema.

Skont ir-rapprezentant tal-istess Awtorita' Peter Mifsud a fol 25 skemi ohrajn wara hargu u ghadhom ghaddejjin bl-iskemi sal-lum. Mifsud xehed ukoll a fol 26 li l-panels hija riskju tal-applikant jekk il-panels xtrahom qabel l-applikazzjoni tkunx approvata Issa l-attur qed jippretendi li jinghata d-depozitu ta' elfejn ewro (€2,000) li kien hallas stante li qed jikkontendi li l-ftehim dejjem kien mal-kontro-parti li l-pannelli jixtrihom jekk jibbenefika minn l-iskema tal-feed in tariffs mahruga mill-Awtorita' tar-Rizorsi ta' Malta.

Il-konvenut da parti tieghu jikkontendi li huwa ma ghandu jhallas xejn stante li jekk dam ma applika kien tort tal-attur ghax dam ma tah il-qisien, u li huwa inkorra spejjez tar-rapport tal-Inginier u spejjez ta' storage tal-pannelli li jammontaw ghal elfejn u sitt mitt ewro (€2,600). Huwa xehed ukoll li gimghatejn wara r-rifjut tal-applikazzjoni l-iskema regghet harget bl-istess kondizzjonijiet izda l-attur irrifjuta li jerga japplika.

Illi t-Tribunal josserva li meta l-attur ffirma l-ordni tal-pannelli l-kondizzjoni li dawn jixtrihom purche li jibbenefika minn l-iskema tal-feed in tariffs ma tiffigurax minn Dok A u huwa risaput li meta l-ftehim jigi maghmul rizultanti mill-kitba kull haga mifthema qabel jew waqt li tkun qeghda ssir il-kitba ghandha tirrizulta mill-istess kitba u

ghalhekk in linea di massima mhix permessa l-prova testimonjali kontra dik il-kitba jew in aggunta ghaliha ghaliex ghandu jigi prezunt li l-hwejjeg miftehma qabel jew f'dak il-hin li ma dahlux fil-kitba gew rinunzjati. Pero' fil-kaz prezenti l-konvenut xehed li huwa bi pjacir lejn l-attur ghax huwa habib tal-genituri tieghu cioe' tal-konvenut intriga biex jehodhlu hsieb japplikalu ghal din l-iskema. Ma jirrizultax it-tlajjar da parti tal-attur kif jallega l-konvenut stante li kien f'April, 2015 li l-attur kellem lil konvenut dwar din l-ordni, kien f'April, 2015 li saret l-ordni u kien f'April, 2015 li l-konvenut applika ghal din l-iskema ghan-nom tal-attur.

Dan logikament ifisser li meta saret l-ordni sar ftehim li in forza tieghu l-vendita' giet assoggettata ghal kondizzjoni li l-attur jibbenefika minn din l-iskema u kienet ir-responsabilita' tal-konvenut, la darba dahal ghal din il-bicca xoghol li jassigura ruhu minn qabel ma accetta l-ordni minghand l-attur u ma jaccetta li johodlu hsieb li japplikalu ghal din l-iskema, li l-attur jista f'dak il-mument tal-applikazzjoni jibbenefika minn tali skema. Li ghalhekk l-patt li tali vendita' tal-pannelli ssir soggetta ghall-accettazzjoni ta' din l-iskema jikkostitwixxi vera u proprja hija determinazzjoni accessorja li minnha tkun tiddependi l-ezistenza u l-effikacja tal-kuntratt.

Illi ghalhekk il-konvenut huwa f'kolpa ghax bhala bniedem ta' esperjenza f'dan ix-xoghol kien jaf jew imissu kien jaf li l-iskema tkun limitata u li kien imissu ghamel l-indagini qabel ma dahal ghal dan l-intrigu.

Veru li l-iskema regghet harget izda l-attur ma kienx obbligat li japplika ghal skemi sussegwenti tenut kont li ebda prova ma ngabet fir-rigward fis-sens li l-ftehim kien li jekk l-iskema tkun ezawrita, ssir applikazzjoni ohra ghal meta terga tohrog l-iskema.

Dwar l-ispejjez inkorsi allegatament mill-konvenut, jinghad li ebda prova tal-allegat spejjez ma gab u min jallega jrid jipprova u anke kieku stess, l-fatt li dak li gara gara bi traskuragni tieghu ta' tali traskuragni ma ghandux jehel l-attur.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tal-attur limitatament fil-konfront tal-konvenut Clayton Bartolo u jordna lill-istess Clayton Debonoo jirrifondi lill-attur is-somma ta' elfejn ewro (€2,000) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mil-lum u jichad it-talba tal-attur fil-konfront tas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut Clayton Debono.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**